TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 35/20/F

**Mazen Dadouch**

**vs**

**Auto Sales Ltd**

Illum, 9 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-19 ta' Frar 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar is-27 ta' Marzu 2020;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma globali ta' sitt mija u sittin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€660.81) rappreżentanti l-prezz ta' *airbag spiral cable*, batterija Varta 12v, kiri ta' vettura bejn it-30 ta' Novembru 2019 u t-2 ta' Jannar 2020, kif ukoll kumpens għal dak li huwa jsejjaħ bħala *physical and psychological stress*.

Illi tramite r-Risposta li hija ppreżentat, l-azjenda intimata tikkontesta t-Talba tar-rikorrent bħala infondata u dan għalhiex, skont hi, qatt ma kkaġunat l-ebda ħsara fil-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri u wettwet ix-xogħol tagħha b'mod għaqli u skont il-proċeduri stabbiliti tal-kumpanija. Issostni li huwa r-Rikorrent li qed igawdi mill-*parts* li ġew installati fuq il-vettura tiegħu u finalment tgħid li r-Rikorrent irid jipprova n-ness bejn l-aġir tal-azjenda intimata u l-*physical and psychological stress* li huwa allegatament sofra.

Illi r-Rikorrent jispjega li huwa afda l-vettura tiegħu tat-tip Renault Scenic għand l-azjenda intimata sabiex din tinġieb f'kondizzjoni tajba biex tgħaddi mill-VRT. Isemmi li l-vettura kellha diversi *faults* elettriċi fosthom *ABS warning, reset service warning, speed sensor, auto door locking fault*. Kien hemm ukoll *bearing* u *wipers* li riedu jinbidlu sabiex il-vettura tinġieb fi stat li tgħaddi mill-VRT. Jgħid illi matul li l-karozza kienet għand l-azjenda intimata għat-tiswija, ġie nfurmat f'instanzi separati li trid tinbidel ukoll l-i*steering rack*, u l-batterija tal-karozza. Meta pprova jiġbor il-karozza fl-aħħar ta' Novembru 2019, induna li kien hemm il-bozza tal-*airbag* qed tixgħel u għalhekk, reġa' kellu jħalli l-karozza għand l-azjenda intimata, li minn naħa tagħha żammet il-karozza sat-3 ta' Jannar 2020 sabiex issolviet il-problema tal-*airbag* biex b'hekk, il-karozza setgħet tgħaddi mill-VRT. Reġa' kien hemm xi problemi minuri minħabba li t-tekniku li kien ħadem fuq il-karozza nesa jwaħħal xi *clips* u għalhekk reġa' kien hemm bżonn li din tittieħed fil-garaxx tal-azjenda intimata.

Illi Mark Testaferrata Moroni Viani, rappreżentant tal-azjenda intimata, fl-affidavit tiegħu tista' tgħid jikkonferma l-istess sekwenza tal-fatt iżda jirrimarka li l-batterija li kien hemm installata fil-karozza tar-Rikorrent kienet waħda qadima u li mhux kompatibbli mal-mudell ta' karozza in kwistjoni. Madankollu, jikkonferma li minn naħa tagħha, l-azjenda intimata kienet għamlet offerta bona grazzja li tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' €152.98, liema offerta ġiet rifjutata. Kienet ġiet offruta ukoll *courtesy car* lir-Rikorrent stante li kien ser ikun hemm xi dewmien biex isir ix-xogħol imma din ukoll ġiet rifjutata.

Illi evidentament, il-karozza tar-Rikorrent la kienet waħda ġdida u lanqas f'xi stat impekkabbli, tant li kif jirriżulta minn dak li jixhed ir-Rikorrent innifsu, din ma kienitx ser tgħaddi mill-VRT meta ddaħħlet għat-tiswija għand l-azjenda intimata. Jirriżulta ukoll li ħafna mill-*faults* li kellha l-karozza meta ddaħlet għat-tiswija kienu ta' natura elettronika. Għalhekk, it-Tribunal isib grad ta' diffikultà li jqis b'ċertezza li l-ħsarat kollha lamentati, inkluż it-tħassir tal-batterija, ġew ikkawżati b'riżultat immedjat ta' xi att jew ommissjoni tat-tekniċi tal-azjenda intimata. Perizja teknika ma ntalbitx. Dan kollu jwassal għall-konklużjoni li sa fejn huma konċernati tiswijiet elettriċi u kambjament tal-batterija, it-Talba tar-Rikorrent mhux ser tiġi milqugħa.

Illi mill-banda l-oħra, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li s-servizz prestat mill-azjenda intimata lanqas ma jista' jiġi deskritt bħala wieħed impekkabbli lanqas. Huwa ċar li kien hemm xi ftit jew wisq delungar u skossi minn naħa tal-azjenda intimata sabiex issewwi l-karozza tar-Rikorrent, liema dewmien wassal sabiex ir-Rikorrent jiġi sprovvist mill-karozza tiegħu għal perjodi ta' żmien irraġjonevoli, inkluż fi żmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Huwa veru li l-azjenda intimata offriet *courtesty car* sabiex tkopri xi żmien li matulu r-Rikorrent dan mingħajr karozza, iżda soġġettivament, wieħed jasal

jifhem ukoll għalfejn ir-Rikorrent kien irrifjuta din l-offerta fil-kuntest ta' kif kienu qed jiżvolġu l-affarijiet bejnu u l-azjenda intimata f'dak iż-żmien.

Illi t-Tribunal jinnota ukoll li r-Rikorrent qed jitlob li jiġi kkumpensat għal *physical and psychological stress*. Talba ta' din ix-xorta għandha tiġi eżaminata taħt id-dettami tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkontempla danni morali. Għar-raġunijiet elenkati aktar 'il fuq, senjatament id-dewmien eżaġerat minn naħa tal-azjenda intimata, it-Tribunal iqis li kumpens għal danni morali għall-inkonvenjenza sofferta huwa mistħoqq.

Illi skont ma jiddisponi li-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, "it-Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talb apreżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità". Ukoll, fi kliem il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċiża 13.10.2004);

Illi għalhekk, wara li qies sewwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal jikkonkludi li t-Talba tar-Rikorrent timmerita akkoljiment parzjali u għal fini ta' likwidazzjoni, qed jiffissa *arbitrio boni viri* s-somma komplessiva dovuta lir-Rikorrent mill-azjenda intimata fl-ammont ta' **tlett mitt Euro (€300)**.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma komplessiva ta' tlett mitt Euro (€300).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu tlett kwarti (¾) mill-azjenda intimata u kwart (¼) mir-Rikorrenti.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***